**Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija 14/2015**
Pubblika (dokument ta' referenza MB/43/2014)

4 ta' Ġunju 2015

# DEĊIŻJONI LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI MB/D/29/2010, KIF EMENDATA BID-DEĊIŻJONI MB/21/2012, DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TAS-SERVIZZI LI GĦALIHA JINTALBU ĦLASIJIET

**(Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija)**

**DEĊIŻJONI LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI MB/D/29/2010,
KIF EMENDATA BID-DEĊIŻJONI MB/21/2012,
DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TAS-SERVIZZI LI GĦALIHA JINTALBU ĦLASIJIET**

IL-BORD TAT-TMEXXIJA TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 74(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 tas-16 ta' April 2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (f'dan li ġej imsejħa r-"Regolament dwar il-Ħlasijiet"), u b'mod partikolari l-Premessa 11 u l-Artikoli 11 u 13 tiegħu,

Billi

1. Il-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA adotta d-deċiżjoni MB/D/29/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar il-klassifikazzjoni li għaliha jintalbu ħlasijiet, li, b'mod partikolari, tistabbilixxi l-iskala ta' ħlasijiet amministrattivi u r-rata ta' kuljum li għandha tintuża għall-kalkolu tal-ħlasijiet għas-servizzi fl-Artikolu 4 tagħha u t-Tabelli 1 u 2 tal-Anness għal din id-deċiżjoni.
2. Id-Deċiżjoni MB/D/29/2010 kienet emendata bid-deċiżjoni MB/21/2012 tat-12 ta' Frar 2013 fir-rigward tal-iskala tal-ħlasijiet amministrattivi. Id-Deċiżjoni MB/21/2012 introduċiet ukoll il-possibbiltà għall-kumpaniji li jingħataw tnaqqis fil-ħlas amministrattiv applikabbli b'ħamsin fil-mija, jekk jiddikjaraw id-daqs preċiż tagħhom mingħajr dewmien mhux xieraq wara li jiġu kkuntattjati mill-ECHA;
3. L-impożizzjoni mill-ECHA ta' ħlas amministrattiv jikkontribwixxi għall-objettiv li jiskoraġġixxi l-bgħit ta' informazzjoni falza mill-intrapriżi;
4. L-ammont ta' ħlas amministrattiv għandu jkun proporzjonat mal-ammont ta' tariffi li għandhom jiġu evitati minħabba s-sottomissjoni ta' informazzjoni falza. Għaldaqstant, il-ħlas amministrattiv ma għandux ikun aktar minn darbtejn u nofs l-ammont tal-ħlas(ijiet) li kien ġie evitat mid-dikjarazzjoni falza (nuqqas ta' persuna fiżika jew ġuridika li turi li hija kellha dritt għal tnaqqis fil-ħlas ta' rinunzja).
5. Sabiex jirrifletti l-ispejjeż għall-Aġenzija, jeħtieġ ukoll li tiġi riveduta r-rata ta' kuljum li għandha tintuża għall-kalkolu tal-ħlasijiet għas-servizzi msemmijin fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni MB/D/29/2010.

Wara opinjoni favorevoli mill-Kummissjoni, D(2015)/6181 fid-29 ta' Mejju 2015,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija MB/D/29/2010 dwar il-klassifikazzjoni li għaliha jintalbu ħlasijiet, kif emendata bid-deċiżjoni MB/21/2012 tat-12 ta' Frar 2013, hija emendata kif ġej:

- Is-sentenza li ġejja tiżdied mal-Premessa 7:

"Il-livell ta' ħlas amministrattiv għandu jkun proporzjonat mal-ammont ta' ħlasijiet li ġew evitati mis-sottomissjoni ta' informazzjoni falza."

- Id-definizzjoni li ġejja tiżdied mal-Artikolu 1:

  'Gwadann finanzjarju' għandha tfisser l-ammont ta' ħlasijiet li ġew evitati minħabba s-sottomissjoni ta' informazzjoni falza. Din hija d-differenza bejn l-ammont totali tal-ħlasijiet effettivament imħallsin mill-persuna fiżika jew ġuridika u l-ammont totali tal-ħlasijiet li kienu jkunu dovuti jekk kienet tiġi sottomessa informazzjoni korretta."

- L-iskala ta' ħlasijiet amministattivi kif inkluż fit-Tabella 1 tal-Anness għad-deċiżjoni MB/D/29/2010, kif emendata bid-deċiżjoni MB/21/2012, hija riveduta kif ġej:

| **Id-daqs tal-kumpanija** | **Livell ta' ħlas amministrattiv (f'EUR)** |
|---|---|
| Kbira | 19,900 jew darbtejn u nofs il-gwadann finanzjarju, skont liema minnhom hija aktar baxxa |
| Medju | 13,900 jew darbtejn u nofs il-gwadann finanzjarju, skont liema minnhom hija aktar baxxa |
| Żgħira | 7,960 jew darbtejn u nofs il-gwadann finanzjarju, skont liema minnhom hija aktar baxxa |

- L-iskala tal-ħlas għas-servizz kif inkluż fit-Tabella 2 tal-Anness għad-deċiżjoni MB/D/29/2010 hija riveduta kif ġej:

Ir-rata ta' kuljum li għandha tintuża għall-kalkolu tal-ħlasijiet tas-servizzi għandha tkun EUR 600.

*Artikolu 2*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*
*Pubblikazzjoni*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija.

Magħmul f'Ħelsinki, 4 ta' Ġunju 2015

Għall-Bord tat-Tmexxija
Il-President



Nina CROMNIER

*(iffirmat b'mod elettroniku)*